MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 39/2004/1

**Mark Camilleri personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta FIRM CAMILLERI BROS.**

**vs**

**Free Phone-Taxi, Mini Bus Hire Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Ottubru, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur proprio et nomine is-somma ta’ elfejn u hames mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu, (LM2,521.87,0), dovuta:

a. Kwantu ghal mitejn u tlieta u sebghin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu, (LM273.42,0), bhala bilanc minn somma akbar fuq kera lilu ta’ magna tal-kafe’;

b. Kwantu ghal elf, hames mija u tmienja u disghin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM1,598.45,0), bhala l-prezz ta’ merkanzija mibjugha lilu;

c. Kwantu ghal sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM650.00,0), bhala arretrati ta’ kera lilu ta’ fond fil-limiti tar-Rabat, Malta;

d. Dan kollu skond kif indikat fuq prospett hawn anness u mmarkat bhala dokument ittra “A”;

2. Bl-ispejjez tal-prezenti u ta’ l-ittra nterpellatorja datata 7 ta’ Ottubru tas-sena 2002, (kopja dok. “B”), u ta’ l-ittra ufficcjali datata 16 ta’ Dicembru tas-sena 2002, (kopja dok. “C”), oltre ghall-imghaxijiet mid-dati ndikati fuq il-prospett sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-30 ta’ April tas-sena 2004 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi t-talbiet ta’ l-attrici pro et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu ghaliex mhux minnu illi s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lill-attur pro et nomine is-somma mitluba fl-avviz imma huwa l-attur pro et nomine li gahndu jaghti lis-socjeta’

konvenuta ammont li ghad irid jigi likwidat bejn il-kontendenti;
2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur proprio et nomine;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur proprio et nomine u s-socjeta’ konvenuta tramite Sean Fitz wasslu ghal ftehim kummercjali verbali fuq cafeteria;

2. Illi dan il-ftehim kien jinkludi l-oneri li minn naha tieghu l-attur kellu johrog l-ammont ta’ sitt elef Lira Maltin, (Lm6,000.00,0), f’perjodu ta’ sena u s-socjeta’ konvenuta kellha tordna kwantita’ ta’ riklami ekwivalenti ghal dan l-ammont mahrug mill-attur proprio et nomine;

3. Illi a bazi ta’ dan il-ftehim l-operazzjoni miftehma bdiet tigi effettwara u l-partijiet ftehmu fuq elenku ta’ reklami riprodott a fol 36 liema elenku qatt ma gie ffirmat mill-partijiet minhabba l-hbiberija li kienet tezisti bejniethom;

4. Illi jirrizulta li minn naha rieghu l-attur proprio et nomine baqa’ iforni lis-socjeta’ attrici ghall-perjodu ta’ sena skond il-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti izda minn naha taghha, s-socjeta’ konvenuta kienet naqset taghmel il-parti taghha billi ma kinitx qed taghti reklami lill-attur proprio et nomine kif miftiehem;

5. Illi rizultat ta' din l-inadempjenza, s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-attur proprio et nomine l-ammont indikat fl-avviz promotur u kif hemm specifikat;

6. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet interpellata diversi drabi biex taghmel tajjeb ghal dan l-ammont, baqghet inadempjenti u allura, l-attur proprio et nomine kien kostrett jintavola din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-fatti kif esposta mis-socjeta' konvenuta tista' tigi sintetikamnet kompilata bil-mod segwenti;

1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet tiggestixxi cafeteria f'Paceville;

2. Illi din is-socjeta' kienet avvicinata minn wahda mid-diretturi tad-ditta Firm Camilleri Bothers biex il-cafeteria de quo tibda tmexxi prodotti mportati minn din id-ditta u sahansitra anke tbiddel isem l-istess cafeteria skond ix-xewqat tad-ditta stess;

3. Illi wara trattattivi d-ditta fuq indikata accettat il-kundizzjonijiet proposti mis-socjeta' konvenuta u esprimew dan f'ittra datata l-5 ta' Lulju tas-sena 2001, (ara fol 31);

4. Illi wara nkontru appozitu ntlahaq ftehim konklussiv fejn id-ditta fuq indikata kellha thallas sitt elef Lira Maltin, (LM6,000.00,0), fis-sena lis-socjeta' konvenuta li minn naha taghha kkoncediet esklussivita' fil-cafeteria ghall-birra u café' importati mill-imsemmija ditta u billi isem il-cafeteria inbidel skond ix-xewqat tad-ditta de quo;

5. Illi s-socjeta' konvenuta ftehmet ukoll li taghmel pubblicita' skond il-ftehim;

6. Illi s-socjeta' konvenuta riedet taffettwa l-pagamenti minnha dovuta izda dawn inbidlu mill-istess attur proprio et nomine li minflok li jaccetta li jhallas rata ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), ipprefera jaghmel hekk billi jixtri television minn flusu u jghaddih lis-socjeta' konvenuta;

7. Illi dan it-television kien jiswa elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), u l-kumplament tal-bilanc kellhom jithallsu fi prodotti;

8. Illi l-partijiet ftehmu wkoll li l-bilanc l-iehor ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), kellhom ukoll jithallsu fi prodotti;

9. Illi nonostante dan kollu l-obbligi assunti sfaxxaw kompletament u l-attur proprio et nomine baqa' inadempjenti u ghalhekk qed tigi respinta t-talba attrici;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-attur proprio et nomine jaghmel diversi allegazzjonijiet, id-dokumentazzjoni minnu prodotta ma tissufragahx;

Illi fin-nuqqas ta' prova skond il-ligi, din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati u tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

L-attur *proprio et nomine* appella minn din is-sentenza biex jiccensura l-motivazzjoni taghha bl-aggravju illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti hu wiehed totalment erroneju u zbaljat;

Il-parti operativa tas-sentenza appellata, li fuqha hu bazat id-dispozitiv, hi hekk koncepita:

"Illi għalkemm l-attur *proprio et nomine* jagħmel diversi allegazzjonijiet, id-dokumentazzjoni minnu prodotta ma tissufragahx". L-ewwel Qorti waslet għal dan ir-ragonament wara li għamlet ri-assunzjoni konċiża ta' l-izvolgiment tal-process u tal-fatti rilevanti tal-kaz, kif minnha estratti mid-deposizzjonijiet tal-partijiet;

Biex l-appellanti li jimpunja sentenza jirnexxielu b'success jiddemostra li saret evalwazzjoni errata tar-rizultanzi istruttorji, id-denunzja tieghu trid turi l-inkongruwenza u l-illogicita` tal-motivazzjoni fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi in atti. Huwa jehtieglu allura jipperswadi lil din il-Qorti illi, kuntrarjament ghal dak asserit mill-ewwel Qorti, jezistu, fl-ambitu tal-materjal probatorju, elementi idoneji li jwaqqghu l-konvinciment motivazzjonali tas-sentenza;

F'dan il-kaz l-appellanti jissostanzja t-tezi tieghu li l-motivazzjoni adottata ma ssibx riskontru fil-provi prodotti bil-mod infraskritt:-

(1) Kwantu ghar-ras tal-kreditu tal-kiri ta' magna tal-kafe`, tezisti x-xhieda tieghu in kontrapposizzjoni ghal dik ta' Shawn Fitz, rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Huwa jissottometti illi ebda valur ma kellu jigi rikavat mix-xhieda ta' dan ta' l-ahhar, gjaladarba l-iskrittura li fuqha jikkampa r-rezistenza tieghu ghall-hlas baqghet ma gietx sottoskritta;

(2) Dwar it-tieni ras ta' kreditu konsistenti fi prezz ta' markanzija jezistu provi dokumentali permezz ta' fatturi u *delivery notes* konfermanti l-forrnituri li saru u l-hlas relattiv dovut;

(3) Referibilment ghall-ahhar kap ta' kreditu konsistenti f'arretrati ta' kera ta' fond fil-limiti tar-Rabat, jigi rilevat illi l-istess Shawn Fitz ikkonceda fl-Affidavit tieghu illi, se mai, l-ammont minnu dovut kien inferjuri ghal dak pretiz;

Il-fatti tal-kaz, b'mod generali, juru li bejn il-partijiet kienu saru diskussjonijiet ghal kolloborazzjoni kummercjali ravvicinata. Jidher illi dawn in-negozjati mifruxa fuq zmien kellhom imbaghad jinghataw effettivita permezz ta' skrittura ta' ftehim. Fil-fatt jirrizulta li tali skrittura giet abbozzata (ara kopja a fol. 38) li, pero`, baqghet ma gietx iffirmata. Sakemm kienet ghadha fis-sehh ir-relazzjoni negozjali, il-partijiet kienu fil-prattika diga` bdew jaghtu ezekuzzjoni lill-ftehim jew dahhlu f'obbligazzjonijiet reciproci. Hekk bl-azzjoni prezenti l-appellanti qieghed jikkonsegwi l-hlasijiet tal-prestazzjonijiet jew kunsinni maghmula minnu, meta s-sojceta konvenuta, skond kif iddikjarat mir-rapprezentant taghha Shawn Firtz fl-Affidavit tieghu (fol. 25) ghaddiet biex tintavola proceduri legali separati (ara ittra ufficcjali taghha a fol. 39 ipprezentata fil-mori tal-kawza odjerna) biex tirriskwoti l-kreditu pretiz minnha. Jikkonsegwi illi, strettament, il-Qorti adita kellha tokkupa ruhha mill-pretensjonijiet kreditorji ta' l-appellanti *proprio et nomine*;

Premess dan, raffront bejn ir-razzjonalita` tal-motivazzjoni u r-rizultanzi probatorji ghandha, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, twassal, almenu fil-kaz ta' certi kapi ta' krediti, biex turi deficjenza objettiva tal-kriterji logiku segwit mill-ewwel Qorti ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha. Dan qed jigi rilevat in kwantu huwa evidenti illi s-semplici affermazzjoni generika tan-nuqqas ta' produzzjoni tad-dokumenti rilevanti turi li l-ewwel Qorti ma vvalorizzatx kif jixraq certi rizultati probatorji, sew dokumentali, sew testimonajli favorevoli ghall-appellanti. F'dan il-kuntest ghal skop tal-kummenti taghha l-Qorti behsiebha ssegwi l-istess ordni ta' krediti kif prospettata mill-appellanti fl-att promotur ta' l-Avviz u, issa, fir-rikors ta' l-appell tieghu;

Ma jidherx, fil-hsieb tal-Qorti, illi l-pretensjoni ta' l-appellanti relattiva ghal kiri tal-magna tal-kafe` tinsab sew suffragata mill-provi. Sa certu punt il-Qorti taqbel mieghu illi l-iskrittura, komprensiva ta' donazzjoni ta' *coffee machine*, ma kienetx tikreja obbligazzjonijiet ghaliex mhix sottoskritta. B'danakollu, lanqas ma jista' jigi eskluz *a*

*priori* illi dik l-istess skrittura toffri hjiel ta' certa prova rapprezentativa tal-fatti fiha dokumentati. *Multo magis*, imbaghad, meta din hi akkoppjata mat-testimonjanza ta' Adriana Camilleri (fol. 40) fejn din tisqarr illi kien intlahaq qbil illi d-ditta Camilleri Brothers kellha tipprovdi lis-socjeta` appellata "l-magna tal-kafe`, *ashtrays*, kikkri, sinjali, arloggi tar-reklami u affarijiet simili". Anke minn dan hu deducibbli illi ebda ftehim preventiv ma sar dwar kiri tal-magna tal-kafe`. Anzi, pjuttost, l-invers hu l-kaz;

Hi xort'ohra d-denunzja ta' l-appellanti fir-rigward tat-tieni kap ta' kreditu, u jidher bic-car illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra certi elementi ta' provi kif sopportati minn dokumenti. Sew mill-fatturi kif ukoll mill-*invoices/delivery notes* (fol. 48 sa fol. 53) jirrizulta li saru certi konsenji lis-socjeta` konvenuta. Fil-fatt dan jirrikonixxih ix-xhud Shawn Fitz, anke jekk dan jispicca biex jaccetta bhala dovut mill-kumpanija tieghu s-somma ta' Lm85.70. Presumibilment, dan jirragunah fuq il-konsiderazzjoni illi mhux id-*delivery notes* kollha huma sotto-firmati mill-impjegata Shirley Gauci. Dan huwa veru ghaliex, ad ezempju, id-*delivery note* rapprezentativa tal-kunsinna tal-*big screen television* mhix sottoskritta. Minn naha l-ohra huwa ben evidenti anke mill-istess Affidavit tax-xhud imsemmi illi t-*television* ghadda fil-pussess tas-socjeta` konvenuta tant li hu stess inaqqas il-prezz tieghu mis-somma li hu jippretendi li hi dovuta lis-socjeta` tieghu (ara in partikolari pagna 4 ta' l-Affidavit). In kwantu l-ilment ta' l-appellanti jolqot il-kreditu taht dan il-kap l-istess qed jigi milqugh;

Din il-Qorti qed tilqa' wkoll in parti l-obbjezzjoni ta' l-appellanti fir-rigward tat-tielet kap ta' kreditu. Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jispjega illi kien gja akkordat illi l-fond tar-Rabat jinkera bir-rata annwali ta' elf lira u, gjaladarba, il-pussess tieghu dam ghandu ghal zmien ta' erba' xhur biss, is-somma dovuta ghandha tkun dik ta' mitejn u hamsin lira (Lm250). Il-Qorti qeghda taccetta din l-ispjegazzjoni ghaliex ma tirrizultax li din giet skreditata, u, kollox ma' kollox, lanqas ma tidher li hi

improbabbli jew inverosimili. Naturalment, f'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax tiehu konsiderazzjoni tal-pretensjoni vantata mis-socjeta` konvenuta ghal xi spejjez li setghet ghamlet fil-fond mikri, ghax apparti li ma jirrizulta ebda ftehim dwarhom, il-kwantum taghhom lanqas ma hu maghruf;

In bazi ghall-osservazzjonijiet hawn fuq esposti, l-appellanti hu dovut is-somma komplessiva ta' elf tmien mija tmienja u erbghin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm1848.45) ekwivalenti fil-munita korrenti ghal erbat elef tliet mija u hames euro, tlieta u sebghin centezmu (€4305.73).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-appellant *proprio et nomine* s-somma komplessiva ta' erbat elef tliet mija u hames euro, tlieta u sebghin centezmu (€4305.73), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jitbatew kwantu ghal kwarta parti (1/4) mill-appellanti u tliet kwarti (3/4) mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------